*Bir-ragun o Banda taghna*
*Mieghek nibqghu maghqudin*
*Ghax il-kbir ismek Sant'Andrija*
*Huwa l-ghaqda tal-Halluqin*



# *Pin Badge* tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija

**Bernard Cutajar**

Fis-sena 2010 kont ġejt inkarigat mill-kumitat sabiex nfittex kumpaniji li jimmanifatturaw *pin badges* sabiex ikollna waħda għall-kumitat u l-bandisti. Sabiex issib min jimmanifattura mhux xi impriża diffiċli dawn iż-żminijiet. Bil-meravilja tal-*internet* tiġi bejn ħalltejn għand min ser tordna u fil-fatt bdejt naħseb jekk nordnax mill-Ewropa jew mill-Asja. Wisq ngħid li ma kontx wisq kunfidenti mill-kwalità tal-asjatiċi u ordnajt mingħand kumpanija ġewwa Ipswich fl-Ingilterra.

Is-suġġett tal-*Pin Badge* kien wieħed ovvju, l-arma tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Kien fl-2008 li nħarġet arma ġdida mill-Għaqda tagħna biex tikkommemora l-125 sena tas-Soċjetà. Disinn mill-isbaħ tal-artist grafiku Ħal Luqi, Richard J. Caruana. Illum din il-*Pin Badge* tintlibes mill-kumitat u bandisti fl-okkażjonijiet tas-Soċjetà.

Iżda din il-*Pin Badge* mhux l-unika li qatt saret mis-Soċjetà tagħna. Għal min għandu ftit aktar żmien u jgħożż l-oġġetti li ħarġet is-Soċjetà matul s-snin isib li f'idejh għandu 'distintiv jew spilla' kemmxejn żgħira bid-dahar imxebbah għal forma ta' tebut. Dan qed ngħidu għad-distiniv tad-ditta *Picchiani & Barlacchi* minn Firenze l-Italia. Huma ftit il-membri li għandhom waħda minn dawn id-distintivi.

F'dan l-artiklu ser nagħti ħarsa lejn id-ditta *Picchiani & Barlacchi* kif ukoll nipprova nqarreb f'liema epoka ġew ikkummisjonati dawn id-distintivi mill-kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.

Id-ditta *Picchiani & Barlacchi* bdiet topera fl-1896 meta s-Sur Gastone Picchiani, artiġjan minn Firenze ddeċieda li jibda negozju. Bħal kull bidu dan kien wieħed diffiċli fejn l-ewwel post li nbeda x-xogħol kien ġewwa kantina taħt id-dawl tax-xemgħa. L-uniku makkinarju li kellu kien pantografu (jintuża sabiex jikkopja disinn fuq skali differenti) mixtri bin-nifs. L-istadju li jmiss, fejn id-disinn jiġi stampat, kien jagħtih lil terzi persuni.

Bil-perseveranza tax-xogħol u l-bravura tal-artiġġjanat tiegħu s-Sur Gastone Picchiani irnexxielu, fi ftit żmien, jixtri l-apparat kollu neċessarju sabiex jiddisinja u jimmanifattura. Fil-fatt naraw li fl-1902 kellu tliet impjegati, flimkien ma' ħuh, ġewwa *Via del Fossi*. Tant beda jkollha



suċċess din l-attività li fl-1915 kien sar bżonn li jiddaħħal *accountant*. Dan kellu jkun s-Sur Bruno Barlacchi, li bi ħbiberija ma' Picchiani beda jieħu ħsieb il-flus tal-kumpanija.

Kienet il-passjoni lejn l-isport ta' Bruno Barlacchi li beda jdaħħal il-ħsieb u l-viżjoni tax-xogħol ta' Picchiani għall-komunità sportiva. Fil-fatt l-aqwa suċċess fil-kamp sportiv li ppermetta li l-kumpanija tissaħħaħ sabiex fl-1921 tibda tissejjaħ uffiċjalment, *Picchiani & Barlacchi*. Naraw li din id-ditta bdiet tiġi kkummissjonata sabiex toħloq emblemi u distintivi għall-aqwa avvenimenti, fosthom id-distintivi tas-suldati kif ukoll għall-atleti li pparteċipaw



Il-membri tal-Każin waqt ix-xalata fil-Buskett

fl-Olimpjadi ta' Berlin fl-1936. Ta' min jgħid li bis-saħħa tas-Sur Barlacchi din il-kumpanija baqgħet topera anke fi żmien il-Gwerra Dinjija. Impriża oħra tas-Sur Barlacchi kienet ukoll il-punt li għamel mal-awtoritajiet Ġermaniżi sabiex iħallu l-produzzjoni ġewwa Firenze milli fit-tramuntana tal-Ġermanja matul il-ħakma Nażista.

Ta' min jgħid li din il-kumpanija għadha topera sal-ġurnata tal-lum. Kienu diversi l-artisti artiġjani li ħadmu għal din il-kumpanija sabiex jinħolqu distintivi, muniti u emblemi fil-bronż. Fl-arkivji ta' din il-kumpanija wieħed isib aktar min 80,000 coni (stampa) perfettament konservati tal-akbar avvenimenti li ġraw fid-dinja. Meta tara l-istorja ta' din il-kumpanija tinduna kemm dan id-distintiv tal-Għaqda għandu preġju.

Iżda meta ġie ordnat dan id-distintiv mill-Għaqda tagħna?

Bdejt billi ftaħt il-ktieb tal-istorja, u bdejt inħares lejn d-diversi ritratti sabiex ninnota fejn jidher distintiv. F'diversi ritratti naraw il-membri tal-Għaqda tagħna jilbsu fjura mal-pavru tal-ġlekk. Per eżempju fir-ritratt tal-orkestra tal-1907, fir-ritratt tal-1918 bil-President Michele Agius, flimkien ma' membri tal-kumitat u fir-ritratt ta' Mejju 1925 ix-xalata l-buskett. F'dawn iż-żminijiet kienet drawwa li l-irġiel juru l-maskilinità tagħhom billi jilbsu fjura fuq in-naħa tax-xellug tal-ġlekk. Dan imsejjaħ bħala *Boutonniere* kienet xi ħaġa normali għall-irġiel iżda llum il-ġurnata naraw li dan jintuża għal xi tieġ jew xi okkażjoni speċjali.



Ritratt fejn jidher distintiv huwa tal-President Carmelo Zammit, iżda peress li dan il-President dam 25 sena sħaħ fil-kariga (1917-1942) u ma nafux meta ttieħed ir-ritratt ma nistgħux nazzardaw data. Ritratt ieħor fejn, jidher distintiv, huwa dak tal-funeral tal-Kappillan Dun Salv Pavia li miet f'Jannar tal-1936. Hawn jidhru b'distintiv Ġużeppi Bonniċi *(il-Lejżu)* u l-President Carmelo Zammit.

Mit-tagħrif li ġbart bil-fondazzjoni ta' *Picchiani & Barlacchi* fl-1921 u r-ritratt tal-funeral 1936 stajt nirristrinġi r-riċerka, u propju mort infittex fil-kotba tal-kaxxier tal-epoka biex nara nsibx meta dan id-distintiv ġie mħallas. Sfortunatament din l-entrata f'dan il-perjodu ma sibtiex.

Kien imiss li nibda nfittex triq oħra, billi propju nikkuntattja lid-ditta *Picchiani & Barlacchi* sabiex jgħinuni huma. Rappreżentanta ta' din il-kumpanijia kienet verament kordjali u spjegatli li l-kumpanija għandha kronologja ta' kull xogħol li nħadem mill-1980. Mill-għamla tad-distintiv hija stmatli li dan inħadem fil-bidu tas-snin 50. B'hekk jidher li kont ferm il-bogħod fl-ewwel tentattiv ta' tfittxija.

Hekk hu li f'ritratt ieħor tal-kumitat ta' bejn 1950-1951 jidhru tliet membri tal-kumitat b'distintiv, is-Sur Salvu Ciappara, is-Sur George De Leonardo u s-Sur Duminku Zarb. Bdejt infittex fil-kotba tal-kaxxier mis-sena 1950. Ta' sodisfazzjon meta lmaħt entrata li għandha x'taqsam mad-distintiv ta' *Picchiani & Barlacchi*. Jidher li fit-30 ta' Mejju 1951 sar ħlas ta' ħmistax-il xelin u disa' *pence*, lil ċertu Gerada għal disinn għall-armi fuq il-pavru.

Minn hawn kelli referenza konkreta ta' fejn wieħed ifittex. B'hekk komplejt it-tfittxija ġewwa l-minuti tas-segretarju. Kienet fis-sittax il-laqgħa tal-kumitat tat-30 t'April 1951 li nsibu l-ewwel referenza għal dawn id-distintivi. Nikkwota mill-minuti, *Dwar badge għall-pavru bl-arma tal-Banda, is-Sur Mercieca pprovda disinn. Is-Segretarju qal, li huwa flimkien mal-Kaxxier, mar għand Lucia ta' Strada Rjal u*



Ġużeppi Mercieca jaħdem fuq il-kampjuni tal-irħamar

Sur Mercieca. Jidher li s-Sur Mercieca ma' tħallasx għal xogħolu peress li huwa kien membru tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Grazzi għas-Sur George Bondin sirt naf li dan il-membru kien is-Sur Giuseppi Mercieca. Dan is-soċju kien iħobb ipitter u jiddisinja. Naraw lil dan il-membru jpinġi s-saqaf tal-kamra laterali, kellu sehem attiv fid-disinn tal-karru kommerorattiv tal-*Bulwark of the Crown*. Mhux miktub liema disinn intagħżel, jekk hux ta' Gerada jew Mercieca. Li nafu fiċ-ċert li s-Sur Mercieca għamel diversi disinni għall-Għaqda tagħna, fosthom tal-istandard ikħal bi stilla b'ħames ponot irregalat fl-1952 fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta' Palazz Bethsaida.

Wara d-disinn kien imiss li jsir ftehim mal-aġent. Iżda hawn insibu ntopp, fejn fil-laqgħa tas-26 ta' Lulju 1951 (Tlett xhur wara l-istima inizjali) jidher li l-prezz inbidel għal wieħed aktar għoli. F'din il-laqgħa l-kumitat ddeċieda li d-distintiv isir biss jekk il-prezz ikun simili tal-ewwel stima. Fi żmien qasir, propju fil-laqgħa tal-1 t'Awwissu 1951, is-Segretarju jirraporta li laħaq ftehim dwar il-prezz. Hawn ġie miftihem li jsir mudell b'kulur differenti fis-salib.

Kien fis-27 ta' Settembru 1951 li l-kumitat iddeċieda sabiex jixtri mija u ħamsin distintiv. Dawn inqasmu f'mija għall-pavru u ħamsin bil-labra. Ir-ritratt f'dan l-artiklu tidher l-arma tal-pavru. Min għandu minn dan id-distintiv jgħożżu għax dan issa jgħodd tlieta u sittin sena.

Sfortunatament bqajt bid-dubju dwar id-distintiv, ta' qabel *Picchiani & Barlacchi*. Huwa ċar li distintiv jidher f'ritratt tal-

*ħa l-informazzjoni neċessarja, u ġieb ukoll xi kampjuni għall-forma tagħha. Il-prezz ikun wieħed u ieħor dan:*

*100 – Żewġ xelini, sebgħa pence il-waħda.*

*200 - Xelin, disgħa pence il-waħda.*

*300 – Xelin, ħames pence il-waħda*

*400 – Xelin, tlett pence u nofs il-waħda.*

*Kif konna hemm, qal is-Segretarju, waqa' d-diskors fuq l-armi tal-brieret. Lucia qaltilna li tal-bronż ikunu ħmistax il-xelin il-waħda, li anke huwa stess jarahom għaljin, u tal-enemel, li bħalhom għadha kif għamlet il-Banda Stella Maris, jiswew bejn wieħed u ieħor sebgħa xelini u sitt pence il-waħda.*

Dwar l-arma tal-beritta jkun artiklu tal-futur iżda nixtarru x'intqal. Bħala disinni jidher li saru tnejn. Waħda minn ċertu Gerada, li tħallas għalih u dak tas-



Il-Kumitat tal-1950


Il-funeral tal-Kappillan Pavia



L-istandard ikħal bi stilla b'ħames ponot li kien disinjat minn Ġużeppi Mercieca

1936 (funeral Pavia) u fir-ritratt *portrait* tal-President Carmelo Zammit li miet f'Diċembru 1942. Hawn nitlob l-għajnuna tiegħek li qed taqra dan l-artiklu sabiex jekk għandek aktar tagħrif tgħaddih lil xi membru tal-Kumitat.

**Riferenzi**

Ktieb Kaxxier - Għaqda Mużikali Sant'Andrija 1949 - 1951.
Ktieb Segretarju - Għaqda Mużikali Sant'Andrija 1944 - 1952.
L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, *Twelidha u Ġrajjietha* – 2008.
Korrespondenza bejn Bernard Cutajar u Chiara Montauti - Mejju 2014.



BONNICI Installations
Managing Director • Taddeo Bonnici
• Electrical Installations
(Domestic & Industrial)
• Air Systems
• Data Network
• Plumbing Installations
• Fire Water Sprinklers System
'Creta' Dawret Ħal Għaxaq, Għaxaq GXQ 9018 • Malta
tel: +356 21 674 351 • mob: +356 99 470 514
e-mail: bonniciinstallations@onvol.net